



**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

DG għall-Politika Reġjonali

DG għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq

**GWIDA DWAR IT-TRATTAMENT TAL-IŻBALJI LINGHATAT  
INFORMAZZJONI DWARHOM FIR-RAPPORTI ANNWALI TA' KONTROLL**

(Anness għall-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni tat-18/02/2009, ref. COCOF  
09/0004/01-MT)

*Dan huwa Dokument ta' Ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi Komunitarja applikabbli, huwa jipprovdi gwida teknika għall-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, professjonisti, benefiċjarji jew benefiċjarji potenzjali, u istituzzjonijiet oħra involuti fil-monitoraġġ, kontroll jew implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni dwar kif tinterpreta u tapplika r-regoli tal-Komunità f'dan il-qasam. L-għan tad-dokument ta' ħidma huwa li jipprovdi l-ispejgazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi u mħeġġa prassi tajba. Madankollu, din il-gwida hi bla ħsara għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza jew għall-prassi li qed tevolvi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

## Werrej

LISTA TA' AKRONIMI.....	4
GLOSSARJU .....	5
1. INTRODUEZZJONI .....	7
2. VALUTAZZJONI TAL-IŻBALJI .....	8
2.1. Approċċ stabbilit fi gwida preċedenti mill-Kummissjoni .....	8
2.2. Żbalji sistemiċi .....	8
2.3. Żbalji każwali .....	9
2.4. Żbalji anomali.....	9
2.5. Żbalji dwar proċedura kontradittorja mhux mitmuma .....	10
2.6. Rata totali tal-iżbalji previsti .....	11
2.7. Rata totali tal-iżbalji previsti u l-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll .....	12
3. PREŻENTAZZJONI TAR-RATI TAL-IŻBALJI FL-ACR PERMEZZ TAL-SFC TAL-2007.....	13
4. OPINJONIJIET INADEGWATI TAL-AWDITJAR.....	14
5. MIŻURI KORRETTIVI.....	14
5.1. Kunċett ta' żball ikkoreġut biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar .....	14
5.2. Miżuri korrettivi bħala avvenimenti sussegwenti.....	15
5.3. Opzjoni 1: korrezzjoni finanzjarja estrapolata .....	16
5.4. Opzjoni 2: Il-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball .....	16
5.5. Aġġustament b'nefqa li hija "soluzzjoni mewwieta" .....	17
6. L-IMPLIKAZZJONIJIET FIT-TEĦID TAL-KAMPJUNI LI JIRRIŻULTAW MINN RATA GĦOLJA TA' ŻBALJI .....	17
7. L-IŻBALL L-AKTAR PROBABBILI U L-OGĦLA LIMITU TA' ŻBALL.....	18
8. KAŻIJIET PARTIKULARI .....	20
8.1. Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkunsidrata ukoll bħala irregolari mill-Awtorità Amministrattiva, mill-Korp Intermedju jew mill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni .....	20
8.1.1. Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA .....	20
8.1.2. Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB/MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel mal-kampjun kien magħżul mill-AA.....	21
8.1.3. Irregolaritajiet relatati ma nefqa li ġiet imneħħija miċ-ċertifikazzjoni" wara li l-kampjun kien magħżul mill-AA.....	21
8.2. Aġġustament bejn id-dikjarazzjoni għolja tal-iżbalji u d-dikjarazzjoni baxxa tal-iżbalji sabiex jinstab l-iżball ġenerali l-aktar probabbli .....	21
ANNEX 1 – RATA TOTALI TAL-IŻBALJI PREVISTI.....	22

ANNEX 2 - TABELLA GĦAN-NEFQA DDIKJARATA U GĦALL-  
AWDITJAR TAL-KAMPJUN.....23

**LISTA TA' AKRONIMI**

AA – Awtorità tal-Awditjar

AAR – Rapport Annwali tal-Attività (ta' kull Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni)

ACR – Rapport Annwali ta' Kontroll

CA – Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni

FK – Fond ta' Koeżjoni

COCOF – Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi

DAS – Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE

FEŻR - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

FSE – Fond Soċjali Ewropew

IB – Korp Intermedju

ISA - Standard Internazzjonali tal-Awditjar

MA – Awtorità Amministrattiva

MCS - Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll

SM – Stat Membru

MUS - Teħid ta' Kampjuni ta' Unità Monetarja

## GLOSSARJU

Terminu	Definizzjoni
Żball anomalu	Żball li biċ-ċar mhix rappreżentattiv tal-popolazzjoni.
Proċedura kontradittorja	Proċedura li biha (abbozz) rapporti tal-awditjar jintbagħtu lill-korp li qed jiġi vverifikat b'talba għal tweġiba bil-miktub fi ħdan ċertu limitu.
Żbalji	Għall-għanijiet ta' din il-gwida, żball huwa dikjarazzjoni eċċessivsa tan-nefqa ċċertifikata ddikjarata lill-Kummissjoni.
Nefqa tas-sena N	In-nefqa ddikjarat lill-Kummissjoni, li hija il-bażi għal għażla tal-kampjun tal-operazzjonijiet.
Irregolarità	L-istess tifsira bħall-iżball.
Żball magħruf	<p>Żball magħruf huwa żball misjub barra l-kampjun awditjat.</p> <p>Fil-każ ta' teħid ta' kampjuni tal-MUS, żball magħruf huwa wkoll l-ammont ta' żbalji misjuba f'kampjun b'valur ugwali jew li jaqbeż il-valur tal-interval magħżul</p>
Dikjarazzjonijiet żbaljati	L-istess tifsira bħall-iżball.
Popolazzjoni	Is-sett sħiħ tad-dejta li minnu jintgħażel il-kampjun (għall-iskopijiet tal-Artikolu 62.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2006) u li dwaru l-awditur jixtieq jiġbed konklużjonijiet.
Żball każwali	L-iżbalji li mhumiex ikkonsidrati sistemiċi huma kklassifikati bħala żbalji każwali. Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji każwali misjuba fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni mhux awditjata.
Rata tal-iżbal fil-kampjun	Ir-rata tal-iżball fil-kampjun jikkorrispondi mal-ammont ta' irregolaritajiet misjuba (mill-awditjar ta' operazzjonijiet (mwettqa skont l-Artikolu 62.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2006) diviż minn nefqa

Terminu	Definizzjoni
	awditjata.
Żball sistemiku	L-iżbalji sistemiċi huma żbalji misjuba fil-kampjun awditjat li jkollhom impatt fuq il-popolazzjoni mhux awditjata u li jseħħu f'ċirkustanzi definiti sew u simili. Dawn l-iżbalji ġeneralment għandhom karatteristika komuni, eż. it-tip ta' operazzjoni, il-lok jew il-perjodu ta' żmien. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll fi ħdan (parti minn) sistemi ta' ġestjoni u kontroll.
Rata totali tal-iżbalji previsti	<p>Ir-rata totali tal-iżbalji previsti jikkorrispondi għat-total tal-iżbalji li ġejjin: l-iżbalji każwali previsti, l-iżbalji sistemiċi, l-iżbalji magħrufa u l-iżbalji anomali mhux ikkoreġuti.</p> <p>L-AA għandha tqabbel ir-rata totali tal-iżbalji previsti mal-livell limitu ta' materjalità sabiex tilħaq il-konklużjonijiet għall-popolazzjoni totali koperta permezz tal-kampjun.</p>

## 1. INTRODUZZJONI

Id-dokument preżenti jimmira biex jipprovdi gwida addizzjonali billi jiċċara l-mistoqsijiet ewlenin imqajma mill-Istati Membri (SM) dwar ir-rati tal-iżbalji murija fir-Rapport Annwali ta' Kontroll (ACR) u l-impatt ta' dawn ir-rati tal-iżbalji fl-opinjoni tal-awditjar<sup>1</sup> tal-Awtorità tal-Awditjar (AA).

Il-gwida hija dokument konġunt ippreparat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali f'koperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq. Bħala tali, il-gwida għandha tiġi applikata mill-AA responsabbli biex tippovdi l-ACR minn tmiem l-2011 'l quddiem għal programmi kofinanzjati mill-FEŻR, FK jew FSE.

L-abbozz ta' gwida ma jgħib l-ebda komputu ġdid jew addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali. Il-kunċetti spjegati hawn taħt għandhom l-għan li jiċċaraw il-mistoqsijiet imqajma mill-AA fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ACRs sottomessi sa tmiem l-2010, u l-mistoqsijiet mqajma mill-AA matul l-abbozzi ta' verżjonijiet tal-gwidi attwali diskussi fil-laqgħa tal-Grupp tal-Omologi tas-17-18 ta' Ottubru 2011 u fil-laqgħa tal-COCOF tat-23 ta' Novembru 2011. L-intenzjoni ewlenija tal-gwida hija li jkun iċċarat l-approċċ li l-AA għandu jkollhom meta janalizzaw ir-riżultati tal-awditjar tal-operazzjonijiet u tal-awditjar tas-sistemi.

Din il-gwida ma tissostitwix linji gwida eżistenti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- Gwida dwar ACRs u Opinjonijiet tat-18/02/2009, ref. COCOF 09/0004/01-EN, minn hawn 'l quddiem imsejħa "Gwida dwar ACRs u Opinjonijiet";
- Nota ta' gwida dwar metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-15/09/2008, ref. COCOF 08/0021/01-EN, minn hawn 'l quddiem "gwida dwar it-teħid ta' kampjuni";
- Gwida dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll [MCS] fl-Istati Membri<sup>2</sup>, ref. COCOF 08/0019/00-EN, minn hawn 'l quddiem "gwida għall-valutazzjoni tal-MCS";
- Nota ta' gwida għal Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni dwar l-irrapportar fuq l-ammonti rtirati, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għandhom iridu jiġu rkuprati u l-ammonti meqjusa rrekuperabbli, applikabbli għal perjodu ta' programmar 2007-2013 u l-bqija tal-perjodu ta' programmar 2000-2006, tas-27/03/2010, ref. COCOF Nru 10/0002/00/EN, minn hawn 'l quddiem "gwida għas-CA".

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 62(1)(d)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jeħtieġ li l-awtorità tal-awditjar tippovdi opinjoni dwar jekk is-sistema ta' ġestjoni u kontroll toperax b'mod effettiv, biex tippovdi assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet ta' nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, li konsegwentament, assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet li jirfdu huma legali u regolari.

<sup>2</sup> Ara n-nota COCOF 08/0019/00-EN, fejn huma previsti erba' kategoriji għall-valutazzjoni tas-sistemi: Kategorija 1: Taħdem sew; titjib minuri biss huwa meħtieġ (kredibilità għolja), kategorija 2: taħdem, imma hemm bżonn ta' xi ftit titjib (kredibilità medja), kategorija 3: taħdem parzjalment; hemm bżonn ta' titjib sostanzjali (kredibilità medja), kategorija 4: essenzjalment ma taħdimx (kredibilità baxxa).

## 2. VALUTAZZJONI TAL-IŻBALJI

### 2.1. Approċċ stabbilit fi gwida preċedenti mill-Kummissjoni

Kif stabbilit fit-Taqsima 5 (l-aħħar punt) tal-gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni u fit-taqsima 6.8 tan-nota ta' gwida dwar it-teħid ta' kampjuni, l-ACR għandu jippreżenta l-valutazzjoni tal-iżbalji li nstabu, minbarra l-korrezzjoni ta' dawn l-iżbalji.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll, fit-taqsima 6.8 msemmija, għal Standard Internazzjonali tal-Awditjar (ISA) nru 530<sup>3</sup>, skont liema l-awditur għandu jikkonsidra ir-riżultati tal-kampjun, in-natura u l-kawża ta' kwlaunkwe żball identifikat, u l-effett possibbli tiegħu fuq l-oġettiv partikolari tal-awditjar u fuq oqsma oħra ta' awditjar.

Għalhekk, sa mill-inqas l-2008 il-gwida pprovduta mill-Kummissjoni għamlitha ċara li l-AA hija mistennija li twetaq analiżi ta' kwalità dettaljata dwar l-iżbalji misjuba fl-awditjar tal-operazzjonijiet u li din l-analiżi hija ppreżentat fl-ACR.

Għaldaqstant, fit-taqsima tal-ACR li tittratta l-awditjar fuq l-operazzjonijiet, l-AA għandha tispjega n-natura tal-żbalji li għandhom impatt fuq ir-rata totali tal-iżbalji previsti, għax jistgħu jitwettqu żbalji minn, *inter alia*, l-akkwist pubbliku, l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja u l-iskemi ta' għajjnuna.

Kif stipulat fil-gwida dwar l-ACRs u l-opinjoni tal-2009<sup>4</sup>, l-ACR għandu jindika jekk xi problemi (irregolaritajiet) identifikati kinux meqjusa ta' karattru sistemiku, u l-miżuri meħuda, inkluża l-kwantifikazzjoni tan-nefqa rregolari u kull korrezzjoni finanzjarja relatata.

F'kull każ, din il-gwida ma tistax tissostitwixxi l-ġudizzju professjonali tal-AA meta tagħmel valutazzjoni ta' jekk żball huwiex sistemiku, każwali jew anomalu. Din il-valutazzjoni li b'neċessità għanda tkun analiżi ta' kull każ, għandha tiġi stabbilità fl-ACR.

### 2.2. Żbalji sistemiċi

L-iżbalji sistemiċi huma żbalji misjuba fil-kampjun awditjat li jkollhom impatt fuq il-popolazzjoni mhux awditjata u li jseħħu f'ċirkustanzi definiti sew u simili. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll fi ħdan (parti minn) sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Fil-fatt, l-identifikazzjoni li potenzjalment hemm żball sistemiku timplika li titwettaq il-ħidma kumplementari meħtieġa għall-identifikazzjoni totali tiegħu u l-kwantifikazzjoni sussegwenti tiegħu. Dan ifisser li s-sitwazzjonijiet kollha li huma suxxettibbli li jkollhom żball tal-istess tip bħal dak misjub fil-kampjun għandhom jiġu identifikati, biex b'hekk tkun tista issir delimitazzjoni tal-effett kollu tagħhom fil-popolazzjoni<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> <http://web.ifac.org/download/a027-2010-iaasb-handbook-isa-530.pdf>

<sup>4</sup> Ara Taqsima 4, l-aħħar punt ta' dan id-dokument ta' gwida.

<sup>5</sup> Per eżempju, jista' jkun li xi żball ġie misjub f'operazzjoni kofinanzjata taħt assi prijoritarju relatat mal-inġinerija finanzjarja. Jista' jkun li dan l-iżball iseħħ f'operazzjonijiet oħra fl-istess assi prijoritarju. L-AA trid tiddetermina jekk dan huwiex il-każ, f'operazzjoni mal-MA/IB. Madankollu,



Skont l-Artikolu 98(4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, *"fil-każ ta' irregolarità sistematika, l-Istat Membru għandu jestendi l-inkjesti tiegħu sabiex ikopru l-operazzjonijiet li probabbilment jiġu milquta"*. Għalhekk, il-kunċett ta' irregolarità sistemika u l-miżuri li l-Istat Membru jeħtieġ jieħu huma magħrufin sew mal-korpi kollha tal-MCS.

Bl-istess mod għall-iżbalji sistemiċi, jista' jkun li żball misjub fil-kampjun iwassal l-awditur biex jiskopri żball jew żbalji oħra barra dak il-kampjun – dan jista' jaqa' taħt il-klassifikazzjoni "żbalji magħrufa". Per eżempju, jekk kuntratt jinstab li jkun illegali taħt ir-regoli tal-akkwist pubbliku huwa probabbli li parti mill-infiq irregolari relatat ġie ddikjarat f'talba għall-ħlas jew fattura inkluża fil-kampjun awditjat u l-bqija tan-nefqa tkun ġiet iddikjarata fit-talbiet għall-ħlas jew fatturi mhux inklużi f'dan il-kampjun. It-trattament tal-iżbalji magħrufa huwa l-istess bħal dak għall-iżbalji sistemiċi.

### **2.3. Żbalji każwali**

L-iżbalji li mhumiex ikkonsidrati sistemiċi huma kklassifikati bħala żbalji każwali. Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji każwali misjuba fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni mhux awditjata, għadarba l-kampjun huwa rappreżentattiv. Għalhekk, dawn l-iżbalji jridu jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iżbalji previsti – ara t-taqsima 2.6 ta' din il-gwida.

### **2.4. Żbalji anomali**

Fl-ACRs sottomessi sal-aħħar tal-2010, kien hemm bosta każijiet irrappurtati bħala "żbalji anomali" mill-AA, li rriżultaw f'rati ta' żbalji previsti baxxi aktar milli kellhom ikunu rrapportati.

Kampjun statistiku huwa rappreżentattiv tal-popolazzjoni u għalhekk żbalji anomali għandhom ikunu aċċettati biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna, b'motiv xieraq. L-użu frekwenti għal dan il-kunċett mingħajr ġustifikazzjoni xierqa jista' jikkomprometti l-affidabilità tal-opinjoni tal-awditjar.

L-AA hija meħtieġa li tipprovdi fl-ACR grad għoli ta' ċertezza, li żball anomalu bħal dan mhuwix rappreżentattiv tal-popolazzjoni, u *biex tispjega* l-proċeduri addizzjonali ta' awditjar li hija wettqet biex tasal għall-konklużjoni li jeżisti żball anomalu, kif meħtieġ mill-ISA nru 530.

L-ISA nru 530 jispeċifika wkoll:

*"A.19. Meta dikjarazzjoni żbaljata tkun ġiet stabbilita bħala anomalija, din tista' tiġi eskluża meta jiġu previsti d-dikjarazzjonijiet żbaljati tal-popolazzjoni. Madankollu, l-effett ta' kwalunkwe dikjarazzjoni żbaljati bħal din, jekk mhux ikkoreġut, xorta jkun jeħtieġ li jiġi kkonsidrat mal-previsjoni tad-dikjarazzjonijiet skorretti mhux anomali"*.

---

kif diġà ddikjarat, kull żball misjub fil-kampjun għandu jiġi inkluż fil-kalkolu tar-rata prevista għall-iżbalji (ħlief għal żbalji anomali ġġustifikati), għas-sempliċi raġuni li l-kampjun huwa rappreżentattiv tal-popolazzjoni.

A.22. *Fil-każ tat-testijiet għad-dettalji, l-ammont ta' dikjarazzjonijiet żbaljat previsti kif ukoll id-dikjarazzjonijiet żbaljati anomali, jekk hemm, għall-awditur huma l-aħjar stima ta' dikjarazzjonijiet żbaljat fil-popolazzjoni. Meta dikjarazzjonijiet żbaljati previsti kif ukoll dikjarazzjonijiet skorretti anomali, jekk hemm, jeċċedu d-dikjarazzjonijiet żbaljati tollerabbli, il-kampjun ma jipprovdix bażi raġonevoli għal konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni li ġiet ittestjata. (...)*"

Dan ifisser li, meta l-AA tiddeċiedi li teskludi żball anomalu mill-kalkolu tal-iżbalji previsti, l-ammont tal-iżbalji anomali għandu jiġi miżjud fil-kalkolu tar-rata totali tal-iżbalji previsti jekk ma jkunx ġie kkorreġut, f'konformità mat-taqsima 5.1 ta' din il-gwida. Jekk l-iżball anomalu ġie kkorreġut f'dan il-każ ma jgħoddx għar-rata totali tal-iżbalji previsti. Dan l-approċċ huwa applikabbli biss għall-iżbalji anomali minħabba n-natura eċċezzjonali tagħhom, kif diġà previst fl-istandard ikkwotat tal-awditjar.

## **2.5. Żbalji dwar proċedura kontradittorja mhux mitmuma**

L-iżbalji meqjusa fir-rata totali tal-iżbalji previsti għandhom ikunu relatati mas-sejbiet murija fir-rapport finali tal-awditjar, jiġifieri wara li l-proċedura kontradittorja mal-korp li qed jiġi awditjat ġiet konkluża.

F'każijiet iġġustifikati kif xieraq fejn din il-proċedura kontradittorja ma kinitx konkluża qabel is-sottomissjoni tal-ACR, dan jista' jikkostitwixxi limitazzjoni fl-ambitu u opinjoni kkwalifikata tista' tiġi pprovduta abbażi tal-ġudizzju professjonali tal-AA. F'dan il-każ, l-AA għandha tiddikjara fl-opinjoni tal-awditjar jekk tali limitazzjonijiet għandhomx impatt fuq l-infiq iddikjarat, u jekk hu hekk tipprovdix kwantifikazzjoni<sup>6</sup>.

Skont l-istadju tal-proċedura kontradittorja ta' awditjar partikolari, jista' jiġri li l-AA jew: (i) tikkonsidra l-żbalji misjuba f'dan l-awditjar fil-kalkolu tal-iżbalji previsti (kif definit fit-Taqsima 2.6 ta' din il-Gwida) jew (ii) tikkwantifika l-irregolaritajiet f'ambitu limitat għall-opinjoni tal-awditjar, flimkien ma' indikazzjoni ta' jekk it-total previst tar-rata tal-iżbalji jkunx affettwat materjalment minn din l-irregolarità potenzjali (jiġifieri jekk it-total previst tal-iżbalji inkluża din l-irregolarità jirriżultawx f'total tar-rata tal-żbalji ta' aktar minn 2%).

Fi kwalunkwe każ, dan li ġej jibqa' validu: *"Ir-rata tal-iżbalji li għandha tiġi pprovduta fir-rapport annwali ta' kontroll normalment tkun ibbażata fuq ir-riżultati finali tal-awditjar (wara l-proċedura kontradittorja) relatati mal-kampjun magħżul għall-perjodu ta' referenza. Minkejja dan, jista' jiġri li wara li jkun hemm aktar segwitu skont il-proċeduri amministrattivi/tal-awditjar, jista' finalment jiġi konkluż li żball mhuwiex ikkonsidrat bħala żball. Bħala konsegwenza, jista' jkun hemm bżonn li r-rata tal-iżbalji indikata fir-rapporti preċedenti tiġi aġġornata."*<sup>7</sup>

---

<sup>6</sup> Ara t-Taqsima 7 tal-linji gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet.

<sup>7</sup> Ara n-nota qiegħ il-paġna 9 tal-gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet.

## 2.6. Rata Totali tal-iżbalji previsti

L-AA għandha wkoll turi fl-ACR ir-rata totali tal-iżbalji previsti, li l-AA għandha tipparaguna mal-limitu tal-materjalità sabiex tilħaq il-konklużjonijiet għall-popolazzjoni, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

Skont it-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, *“fil-programmi operattivi li għalihom ir-rata ta' iżbalji pproġettata tkun 'il fuq mil-livell ta' materjalità, l-awtorità ta' verifika għandha tanalizza s-sinifikat tagħha u tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa, inkluż li tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, li se jiġu kkomunikati fir-rapport annwali ta' kontroll”*.

Ir-rata totali ta' iżbalji previsti jirrappreżenta l-effett stmat tal-iżbalji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, f'perċentwali tal-popolazzjoni għas-sena N.

Ir-rata totali ta' iżbalji previsti għandau jirrifletti l-analiżi magħmula mill-AA fir-rigward tal-iżbalji misjuba fil-kuntest tal-awditjar tal-operazzjonijiet imwettqa taħt l-Artikolu 62.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

**Ir-rata totali ta' iżbalji previsti jikkorrispondi għat-total tal-iżbalji li ġejjin: iżbalji każwali previsti, iżbalji sistemiċi u iżbalji anomali mhux ikkoreġuti** – ara l-flowchart fl-Anness 1 ta' din il-gwida.

Jekk l-iżbalji sistemiċi huma identifikati fil-kampjun awditjat, u l-estensjoni tagħhom fil-popolazzjoni mhix awditjata hija delimitata bi preċiżjoni, mela iżbalji sistemiċi relatati mal-popolazzjoni jiġu miżjuda mat-total tal-iżbalji previsti. Jekk tali delimitazzjoni mhix magħmula qabel ma' jiġi sottomess l-ACR, l-iżbalji sistemiċi għandhom ikunu ttrattati bħala każwali għall-fini tal-kalkolu tal-iżbalji każwali previsti.

Dwar l-iżbalji każwali, il-kalkolu tal-iżbalji previsti jvarja skont il-metodu magħżul għat-teħid tal-kampjun u deskritt fl-istrateġija tal-awditjar. Għall-iżbalji previsti, ara t-taqsimiet 6.3 sa 6.6 tal-gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni – eżempji ta' metodi ta' teħid ta' kampjuni u l-applikazzjoni tagħhom. B'mod ġenerali:

- Jekk l-AA tuża t-Teħid ta' Kampjuni ta' Unità Monetarja (MUS) bħala l-metodu ta' teħid ta' kampjuni, l-iżball każwali previst jikkorrispondi għall-iżball l-aktar probabbli (MLE).
- Bl-istess mod, għall-istima tad-differenza, l-AA għandha tikkalkula l-preċiżjoni li ntlaħqet u tindika l-livelli ta' limitu superjuri u inferjuri li ġew miksuba.
- Għat-teħid ta' kampjuni mhux b'mod statistiku, ir-rata tal-iżbalji prevista għanda tiġi pproġettata kif meħtieġ taħt “l-approċċ formali” spjegata fit-taqsimi 6.6 tal-gwida dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni, fejn it-tali approċċ jiġi applikat. Jekk għat-teħid ta' kampjuni mhux għal statistika l-metodu użat ma jkunx l-imsemmi “approċċ formali”, m'hemm l-ebda estrapolazzjoni tar-rata tal-iżbalji, jiġifieri r-rata prevista tal-iżbalji hija r-rata tal-iżbalji tal-kampjun

L-iżbalji kollha għandhom jiġu kkwantifikati mill-AA kif ukoll inklużi fit-total previst tar-rata tal-iżbalji, bl-eċċezzjoni prevista fit-taqsimi 2.4 ta' din il-gwida. Mingħajr din il-kwantifikazzjoni r-rata tal-iżbalji ma tistax titqies affidabbli peress li

probabbilment tkun inqas milli hi. F'din iċ-ċirkostanza, l-opinjoni tal-awditjar għandha tkun ikkwalifikata.

B'mod ġenerali, għandu jittieħed kont tal-iżbalji kollha misjuba għall-kalkolu tat-tar-rata totali tal-iżbalji prevista. It-taqsim 8 ta' dan id-dokument tirreferi għal każijiet partikolari fejn dan jista' ma jkunx il-każ.

## **2.7. Ir-rata totali tal-iżbalji previsti u l-valutazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

Jekk ir-rata totali ta' l-iżbalji previsti tkun aktar mil-livell ta' materjalità ta' 2%, dan huwa indikazzjoni li n-nefqa ddikjarata hija rregolari b'mod materjali, jiġifieri li s-Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll (MCS) ma ħadmitx sewwa.

It-Taqsim 2 tal-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 jobbliga lill-AA biex tgħaqqad ir-riżultati tal-awditjar tas-sistemi u tal-awditjar tal-operazzjonijiet sabiex tikseb livell għoli ta' assigurazzjoni dwar il-funzjonament effettiv tal-MCS.

Skont il-gwida għall-valutazzjoni tal-MCS<sup>8</sup>, l-AA għandha, abbażi tal-awditjar tas-sistemi mwettaq (u billi tiegħu inkonsiderazzjoni kwalunkwe kontroll kumpensatorju li jista' jeżisti), tifformula konklużjoni globali skont is-sistema, li tikkontribwixxi għall-opinjoni tal-awditjar tal-AA.

It-taqsim 6 tal-linji gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet diġà tipprovdi xi każijiet li jistgħu jiġu kkonsidrati mill-AA meta tevalwa l-assigurazzjoni ġenerali li tirriżulta mill-awditjar tas-sistemi u l-awditjar tal-operazzjonijiet.

Jekk l-AA tqis li l-MCS qiegħda fil-Kategorija 2 u ir-rata totali ta' l-iżbalji previsti qiegħed taħt il-livell ta' materjalità ta' 2%, l-opinjoni tal-awditjar tista' tkun mhux kwalifikata.

Madankollu, jekk l-MCS hija kklassifikata fil-Kategorija 1 jew 2 u ir-rata totali tal-iżbalji previsti hija 'l fuq minn 2%, dan jindika li minkejja l-valutazzjoni relattivament pożittiva li tirriżulta mill-awditjar tas-sistemi mwettaq mill-AA, l-MCS fil-prattika mhijiex effettiva biżżejjed biex timpedixxi, tittraċċa u tikkoreġi l-irregolaritajiet u tirkupra l-ammonti li ma kellhomx jiġihallu. Opinjoni kwalifikata tal-awditjar hija għalhekk meqjusa xierqa f'dan il-każ.

Jekk l-AA tqis li l-MCS hija fil-Kategorija 3 jew 4, opinjoni kwalifikata tal-awditjar hija meqjusa xierqa<sup>9</sup>, anke jekk ir-rata totali tal-iżbalji previsti hija taħt it-2%. L-AA għandha tuża l-ġudizzju professjonali tagħha biex tevalwa jekk l-awditjar tas-sistemi li wassal biex jikklassifikaw l-MCS fil-kategorija 3 huwiex ibbażat fuq sejbiet li ma setgħux jiġu misjuba mill-awditjar tal-operazzjonijiet (eż. awditjar tas-sistemi li jkopri l-MCS li ġie emendat wara s-sena N, b'hekk ġiet imnaqqsa l-assigurazzjoni mogħtija mill-awditjar tal-operazzjonijiet għan-nefqa f'dik is-sena).

---

<sup>8</sup> Din il-gwida tirreferi għal erba' kategoriji għall-valutazzjoni tas-sistemi: Kategorija 1: Taħdem sew; titjib minuri biss huwa meħtieġ (kredibilità għolja), kategorija 2: taħdem, imma hemm bżonn ta' xi ftit titjib (kredibilità medja), kategorija 3: taħdem parzjalment; hemm bżonn ta' titjib sostanzjali (kredibilità medja), kategorija 4: essenzjalment ma taħdimx (kredibilità baxxa).

<sup>9</sup> L-espressjoni "meqjusa xierqa" timplika li l-ġudizzju professjonali tal-AA huwa meħtieġ sabiex jitfasslu konklużjonijiet xierqa dwar il-ħidma tagħha.

Jekk l-MCS huwa fil-Kategorija 3 jew 4 u ir-rata totali tal-iżbalji previsti huwa 'l fuq minn 2% allura l-opinjoni hija kwalifikata jew kuntrarja. Id-differenzazzjoni bejn opinjoni kwalifikata u dik kuntrarja tiddependi fuq il-gravità tal-iżbalji u l-kobor tal-iżball.

### **3. PREŻENTAZZJONI TAR-RATI TAL-IŻBALJI FL-ACR PERMEZZ TAL-SFC TAL-2007**

L-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tiġi ppreżentata fit-taqsimha tal-ACR li tirrigwarda l-awditjar fuq kampjun tal-operazzjonijiet.

Barra minn hekk, "it-tabella għan-nefqa ddikjarata u l-awditjar tal-kampjun" li għandha tkun mehmuża mal-ACR (kif jidher mit-Tabella 9 tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006) għandha turi r-rata tal-iżbalji misjuba fil-kampjun u ir-rata totali tal-iżbalji previsti (kif definit fit-taqsimha 2.6) – ara l-Anness 2 tad-dokument preżenti.

L-ACR għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni permezz tal-SFC tal-2007. Il-modju fl-SFC tal-2007 jinkludi t-tabella msemmija hawn fuq, li trid timtela mill-AA. L-informazzjoni dwar ir-rata totali tal-iżbalji previsti għandha tiddaħħal f'kolonna separata, wara l-kolonna intitolata "ammont u persentaġġ (ir-rata tal-iżbalji) tan-nefqa rregolari f'kampjun każwali". It-tabella eżistenti fl-SFC tal-2007 ġiet immodifikata fid-dawl tas-sottomissjoni tal-ACRs tal-2011, sabiex issolvi l-kwistjonijiet tekniċi mqajma matul l-aħħar sottomissjonijiet tal-ACRs.

Filwaqt li huwa metodoloġikament korrett li r-rata ta' iżball wieħed tkun irrappurtata tul il-programmi inklużi fl-MCS komuni, jista' ma jkunx dejjem minnu li l-opinjoni tkun l-istess għall-programmi kollha ta' dik is-sistema.

L-Artikolu 62(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jistipula li "*Meta sistema komuni għal bosta programmi operattivi, l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tista' tingħaqad f'rapport wieħed, u l-opinjoni u d-dikjarazzjoni maħruġa taħt il-punti (ii) u (iii) jistgħu jkopru l-programmi operattivi kollha konċernati*".

Madankollu, jekk l-awditjar tas-sistemi jew l-analiżi tal-iżbalji misjuba fil-kampjun komuni juru nuqqasijiet partikolari għal programm wieħed taħt l-MCS komuni, l-AA tista' tikkonsidra li tiddistingwi l-opinjoni tal-awditjar tagħha għal dan il-programm partikolari. Bħala tali l-SFC tal-2007 tippermetti lill-AA sabiex iddaħħal opinjonijiet differenti għal kull programm, anke jekk dawn jappartjenu għall-istess MCS.

### **4. OPINJONIJIET INADEGWATI TAL-AWDITJAR**

Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba mis-sottomissjoni tal-ACRs tal-2010, il-Kummissjoni tqis dawn il-każijiet bħala opinjonijiet tal-awditjar inadegwati:

- l-opinjonijiet mhux kwalifikati għalkemm l-ebda awditjar tal-operazzjonijiet fuq in-nefqa tas-sena N ma ġietx imwettqa;
- l-opinjoni mhux kwalifikata anki jekk l-AA ma tkunx awditjat l-operazzjonijiet kollha fil-kampjun;
- l-opinjonijiet mhux kwalifikati, għalkemm ir-rata totali tal-iżbalji previsti kienu ogħla mil-livell ta' materjalità, u/jew instabu nuqqasijiet sinifikanti fl-awditjar

tas-sistemi, mingħajr ma tteħdu fil-ħin l-miżuri korrettivi xierqa mill-awtoritajiet nazzjonali, qabel il-preżentazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar;

- ma tingħatax tal-opinjoni minħabba li l-proċeduri kontradittorji għall-awditjar tal-operazzjonijiet ma kinux iffinalizzati.

## 5. MIŻURI KORRETTIVI

### 5.1. Kunċett ta' żball ikkoregūt biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar

L-iżbalji kollha misjuba fil-kampjun awditjat mill-AA jridu jiġu nnotifikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 846/2009, ikkoregūti u rrapportati skont il-gwida fuq it-teħid ta' kampjuni.

Skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 70 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006, l-Istati Membri huma meħtieġa li jikkoregū u jirkupraw l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu. L-Istati Membri għandhom żewġ għażliet:

1) jirtiraw mill-ewwel in-nefqa irregolari mill-programm meta jiskopru l-irregolarità, billi jnaqqsuha mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li tkun tmiss, biex b'hekk joħroġ il-finanzjament tal-UE għall-impenn għal operazzjonijiet oħra jew

2) għal dan il-waqt jħallu n-nefqa fil-programm, sakemm joħorġu r-riżultat tal-proċeduri sabiex tiġi rkuprata l-għotja li ma kellhiex titħallas mingħand il-benefiċjarji, u n-nefqa titnaqqas biss mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li jmiss meta l-irkupru jkun seħħ.

Kif stipulat fid-dispożizzjoni legali kkwotata, għall-għanijiet ta' din il-gwida, żball huwa kkonsidrat kkoregūt meta l-ammont irregolari jkun ġie mnaqqas (permezz ta' irtirar jew irkupru) minn dikjarazzjoni ta' nfiq mibgħuta lill-Kummissjoni jew meta n-nefqa inkwistjoni tkun ġiet irreġistrata bħala irkupru pendent fis-sistema tal-kontabilita tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni.

### 5.2. Miżuri rimedjali bħala avvenimenti sussegwenti

Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riżultati tal-awditjar tas-sistemi u tal-awditjar fuq l-operazzjonijiet irrappurtati mill-AA, l-Istat Membru (l-Awtorità ta' Ġestjoni jew ta' Ċertifikazzjoni skont l-MCS) jeħtieġ li jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa.

Jekk dawn il-miżuri huma implimentati qabel mal-ACR jitressaq għand il-Kummissjoni u l-AA jkollha evidenza suffiċjenti fuq l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, għandhom jiġu rrapportati fl-ACR, sabiex jitwera li l-iżbalji misjuba ġew adegwatament segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali.

Dawn il-miżuri korrettivi jistgħu jitqiesu bħala avvenimenti sussegwenti li seħħew wara l-perjodu tal-awditjar u li l-AA tista' tieħu inkonsiderazzjoni meta tistabbilixxi l-livell ta' assigurazzjoni u l-opinjoni tal-awditjar. Koerenti mal-gwida preċedenti dwar l-ACR<sup>10</sup>, *“xi fitit avvenimenti sussegwenti jista' jkollhom impatt importanti fuq*

---

<sup>10</sup> Ara t-Taqsima 8 tal-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet.

*l-operat tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u/jew fuq il-kwalifikazzjonijiet (f'każijiet ta' opinjoni kwalifikata jew negattiva) u għalhekk ma jistgħux jiġu injorati mill-awtorità tal-verifika". Dawn l-avvenimenti jistgħu jikkorrispondu jew ma' azzjonijiet pożittivi (eż. miżuri korrettivi implimentati wara l-perjodu ta' awditjar) jew ikollhom impatt negattiv (eż. nuqqasijiet fis-sistema jew żbalji misjuba wara l-perjodu ta' awditjar).*

L-AA tista' toħroġ opinjoni mhux kwalifikata jekk jirriżulta li l-miżuri korrettivi meħuda taffa għal livell xieraq ir-riżultat ta' riskju tan-nuqqasijiet materjali fis-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll, jiġifieri l-ammont f'riskju fin-nefqa ddikjarata fis-sena N, wara li l-miżuri korrettivi jiġu implimentati, ma jkunx oġhla minn 2% ta' dik in-nefqa (ħlief għall-MCS evalwata inizjalment f'kategorija 4, ara t-taqsima 2.7).

Jekk il-miżuri korrettivi jikkonċernaw il-korrezzjoni tal-infiq irregolari, dawn il-korrezzjonijiet jistgħu jiġu kkonsidrati biss mill-AA għall-għanijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti jekk n-nefqa relatata ġiet ikkoreġuta skond it-Taqsima 5.1.

Il-kunċett ta' tnaqqis provviżorju fin-nefqa mill-awtorità ta' Ċertifikazzjoni mhijiex miżura korrettiva fil-kuntest ta' hawn fuq. Madankollu, l-AA tista' tikkonsidra t-tnaqqis provviżorju fin-nefqa bħal dan bħala avveniment sussegwenti jekk tali miżura tittieħed qabel mal-ACR jitressaq għand il-Kummissjoni u s-CA tieħu impenn espliċitu bil-miktub (eż. b'ittra lill-Kummissjoni) li se tiddikjara biss l-infiq f'periklu wara li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità rispettivi wara li tinforma lill-Kummissjoni bl-azzjonijiet meħuda sabiex tinkiseb tali assigurazzjoni u opinjoni mingħand l-AA dwar l-adeqwatezza ta' dawn l-azzjonijiet.

Jekk il-miżuri korrettivi jikkonċernaw pjan ta' azzjoni, dan jista' jitqies biss mill-AA għall-finijiet hawn fuq imsemmija jekk l-azzjonijiet ġew effettivament implimentati u l-AA għandha evidenza ċara ta' dan.

**Fi kwalunkwe każ, ir-rata totali tal-iżbalji previsti għandu jibqa' l-istess, jiġifieri ma jkunx affettwat minn dawn il-miżuri korrettivi u għandu jiġi rrapportat fl-ACR.**

### **5.3. Opzjoni 1: korrezzjoni finanzjarja estrapolata**

L-Istat Membru (l-Awtorità Amministrattiva jew l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni skont l-MCS), wara li jikseb ir-rata totali tal-iżbalji previsti (kif muri fl-ACR) jista' jiddeċiedi li jelimina l-infiq irregolari ddikjarat. Dan jista' jsir billi jagħmel korrezzjoni finanzjarja estrapolata għan-nefqa totali mhux awditjata tal-programm operattiv għal dik is-sena N.

L-approċċ hawn fuq imsemmi jiddecidieh l-Istat Membru, mhuwiex obligatorju.

Wara l-korrezzjoni tal-iżbalji fil-kampjun, il-korrezzjoni estrapolata għandha tiġi applikata fuq il-popolazzjoni kollha mhux awditjata: korrezzjoni finanzjarja estrapolata = rata prevista tal-iżbalji \* nefqa mhux awditjata.

### **5.4. Opzjoni 2: Il-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball**

L-iżbalji kollha għandhom jiġu kkoreġuti, inklużi dawk magħrufin u anomali.

Dwar l-iżbalji sistemiċi, l-AA għandha għall-fini tal-ACR tikkonferma li:

- Ikun stabbilit l-ammont totali tan-nefqa affettwat minn dawn l-iżbalji sistemiċi ddikjarat lill-Kummissjoni, u l-awtoritajiet responsabbli jipproċedu biex jagħmlu l-korrezzjoni<sup>11</sup> meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Id-delimitazzjoni tal-iżbalji sistemiċi fin-nefqa mhux awditjata tista' titwettaq mill-MA taħt is-supervizzjoni tal-AA. Fil-prattika, dan ifisser li l-AA jkollha tirrevedi l-kwalità tax-xogħol tal-MA u tipprovdi konferma espliċita bil-miktub lill-Kummissjoni li x-xogħol ġie mwettaq bl-istandard xieraq u li l-konklużjonijiet huma approvati.
- Sabiex jittaffa r-riskju tal-iżbalji materjali f'dikjarazzjonijiet tal-infiq futuri, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għandhom jintrabtu li jimplementaw pjan ta' azzjoni għal rimedju bi skadenzi stretti, li jindirizza n-nuqqasijiet sistemiċi. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi deskritt b'mod ċar u konċiż fl-ACR.

L-iżbalji każwali jistgħu jkunu l-uniku sors ta' żball identifikat fil-kampjun awditjat jew jeżistu flimkien ma' żbalji sistemiċi (identifikati u ttrattati kif deskritt hawn fuq). Kif iddikjarat fit-Taqsima 2.3 ta' din il-gwida, il-kunċett ta' żball każwali jippreżumi l-probabbiltà li dawn l-iżbalji huma preżenti wkoll fin-nefqa mhux awditjata. Bħala riżultat, l-AA għandha tikkalkula n-nefqa f'riskju billi tiġi applikata r-rata prevista tal-iżbalji (fuq l-iżbalji każwali misjuba fil-kampjun tal-operazzjonijiet awditjati) għall-infiq mhux awditjat, wara li jitnaqqas l-infiq affettwat minn żbalji sistemiċi. L-ammont f'riskju fin-nefqa ddikjarata fis-sena N għandu jkun muri fl-ACR u segwit b'mod xieraq mill-Istat Membru.

### **5.5. Aġġustament b'nefqa li hija "soluzzjoni mewwieta"**

Jista' jiġri li fis-sena N+1 l-Istat Membru jiddikjara lill-Kummissjoni aktar nefqa għal operazzjoni partikulari minn dik li inizjalment kienet ibbaġitjata għas-sena N. Dan jikkorrispondi għal infiq li huwa "soluzzjoni mewwieta".

Pereżempju, nefqa bbaġitjata għal proġett tkun ta' EUR 100k, u l-kofinanzjament pubbliku jkun ta' 40% tan-nefqa, sal-massimu ta' EUR 40k. Il-proġett għandu nefqa ddikjarata ta' EUR 110k u rċieva l-ġhotja massima ta' EUR 40k. L-AA tagħmel awditjar fuq il-EUR 110k ddikjarati għall-proġett u tidentifika nefqa mhux eliġibbli ta' EUR 9k. Bħala konsegwenza, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux joħroġu ordni ta' rkupru għall-benefiċjarju minħabba li għad hemm biżżejjed nefqa eliġibbli li tintitolah għall-ġhotja massima ta' EUR 40k.

Eżempju ieħor huwa meta n-nefqa bbaġitjata għal proġett tkun ta' EUR 100k, u l-kofinanzjament pubbliku jkun ta' 40% tan-nefqa, sal-massimu ta' EUR 40k. Il-proġett għandu nefqa ddikjarata ta' EUR 110k. L-AA tagħmel awditjar fuq il-EUR 110k ddikjarati għall-proġett u tidentifika nefqa mhux eliġibbli ta' EUR 15k. Bħala konsegwenza, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom joħroġu ordni ta' rkupru ta' EUR 5k għall-benefiċjarju minħabba li l-iżball qabeż il-punt immirat (EUR 100k). Il-benefiċjarju huwa intitolat għall-ġhotja massima ta' EUR 38k (95 \* 40%).

---

<sup>11</sup> Ara l-Artikolu 98(4), tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.



**6. L-IMPLIKAZZJONIJIET FIT-TEĦID TAL-KAMPJUNI MINĦABBA RATA GĦOLJA TA' ŻBALJI**

Ir-rata totali tal-iżbalji previsti għolja tista' jkun indikazzjoni li l-assunzjonijiet użati meta ġie pjanat it-teħid tal-kampjuni ma kinux korretti, pereżempju r-rata tal-iżbalji mistennija hija baxxa wisq jew il-livell ta' kunfidenza miksub mit-testijiet ta' kontroll huwa għoli wisq.

L-ISA nru°530 (ara l-punt 5 tal-Appendiċi 3) jirrifletti din il-fehma fit-termini li ġejjin:

*"Akbar ma jkun l-ammont ta' dikjarazzjonijiet żbaljati li l-awditur jistenna li se jsib fil-popolazzjoni, akbar irid ikun id-daqs tal-kampjun sabiex issir stima raġonevoli tal-ammont fattwali tad-dikjarazzjonijiet żbaljati fil-popolazzjoni. Fatturi rilevanti għall-konsiderazzjoni tal-awditur tal-ammont mistenni tad-dikjarazzjonijiet żbaljati jinkludu l-punt li l-valuri tal-entrata jiġu ddeterminati sogġettivament, ir-riżultati tal-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskji, ir-riżultati tat-testijiet tal-kontroll, ir-riżultati tal-proċeduri tal-awditjar applikati f'perjodi preċedenti, u r-riżultati ta' proċeduri sostantivi oħra."*

Fil-futur, it-teħid ta' kampjuni għandu jqis parametri aktar xierqa mill-esperjenza miksuba

- Barra minn hekk, jekk l-AA tuża l-MUS biex tagħżel l-operazzjonijiet li għandhom jiġu awditjati, normalment hija se tuża rata baxxa ta' żbalji mistennija (eż. 10% tal-livell ta' materjalità jew 0,2% jekk il-materjalità hija stabbilita għal 2%<sup>12</sup>). Madankollu, jekk ir-riżultati tal-kampjuni rispettivi juru li r-rata prevista tal-iżbalji hija 'l fuq minn 2%, l-AA tista' tikkonsidra li tiegħu kampjuni b'mod differenti, kif rifless fit-Taqsima 6 tan-"Nota ta' gwida dwar metodi ta' teħid ta' kampjuni" tal-Kummissjoni, kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt<sup>13</sup>.

<b>Il-varjabbiltà tal-popolazzjoni</b>	<b>Il-frekwenza mistennija tal-iżbalji</b>	<b>L-approċċ suġġerit</b>
Baxx	Baxx	It-teħid ta' kampjuni ta' varjabbli – it-teħid ta' kampjuni ta' unità monetarja
Għoli	Baxx	Teħid ta' kampjuni ta' unità monetarja
Baxx	Għoli	It-teħid ta' kampjuni ta' varjabbli
Għoli	Għoli	Ir-raggruppament jew l-istratifikazzjoni (kif ukoll il-metodi xierqa għat-teħid ta' kampjuni)

<sup>12</sup> Kif iddikjarat fl-Anness 4 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006, il-livell massimu ta' materjalità huwa ta' 2%. L-AA tista' tagħżel li tiddefinixxi persentaġġ aktar baxx.

<sup>13</sup> Ara t-Taqsima 6 tal-gwida msemmija.

## 7. L-IŻBALL L-AKTAR PROBABBLI U L-OGĦLA LIMITU TA' ŻBALL

Kif stabbilit fil-gwida dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni, l-inqas limitu ta' żball u l-ogħla limitu ta' żball għandhom ikunu wkoll ikkalkulati u murija fl-ACR, flimkien mal-kampjun tal-iżbalji u l-MLE.

In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni, dwar metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-Awtoritajiet tal-Awditjar tistipula<sup>14</sup> dan li ġej fir-rigward tal-evalwazzjoni u tal-projezzjoni tal-iżbalji li jirriżultaw minn kampjun magħżul permezz tal-MUS.

- « *Dikjarazzjoni skorretta fl-ogħla limitu għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tad-dikjarazzjonijiet skorretti previsti, il-preċiżjoni bażika (...) u l-provvediment inkrementali sabiex titwessa' d-diskrepanza tal-preċiżjoni.*
- *L-awditur jista' wkoll jikkalkula d-daqs tal-kampjun addizzjonali meħtieġ billi jissostitwixxi l-aktar dikjarazzjoni probabbli żbaljata mill-kampjun mad-dikjarazzjoni oriġinali żbaljata mistennija fil-formula għall-perjodu tat-teħid tal-kampjuni u jiddetermina l-perjodu u d-daqs totali tal-kampjun ibbażat fuq l-aspettattivi l-ġodda. In-numru ta' entrati ta' kampjuni addizzjonali jistgħu jiġu ddeterminati billi jitnaqqas id-daqs tal-kampjun oriġinali mid-daqs tal-kampjun il-ġdid. L-interval l-ġdid għal kampjun jista' jintuża għall-għażla. Għandhom jiġu magħżula entrati li mhumiex diġà inklużi fil-kampjun.* »
- *Pereżempju, jekk nosservaw dikjarazzjoni żbaljata waħda ta' EUR 300 (25%), jiġifieri dikjarazzjoni żbaljata prevista ta' EUR 1,000, b' tolleranza għal dikjarazzjoni żbaljata ta' EUR 5,000 u b' MUS addizzjonali ta' €4,000 f'livell ta' kunfidenza ta' 95% (fattur ta' kunfidenza 3), għandna t-total ta' EUR 13,750 f'dikjarazzjoni żbaljata tal-ogħla limitu. Din iċ-ċifra hija s-somma ta':*
  - *id-dikjarazzjoni żbaljata prevista ta' EUR 1,000,*
  - *Il-preċiżjoni bażika ta' EUR 4,000 x 3 = EUR 12,000 u*
  - *il-provvediment ta' (4.75-3-1) x 1000 = EUR 750 (4.75 hija l-fattur ta' affidabilità (RF) għal dikjarazzjoni żbaljata waħda f'livell ta' kunfidenza ta' 95%, 3 huwa l-RF għal meta m'hemmx dikjarazzjonijiet skorretti fil-95%).*
- *Dan l-ogħla limitu huwa akbar mid-dikjarazzjoni żbaljata tollerabbli; għaldaqstant aħna nikkonkludu li d-dikjarazzjonijiet żbaljata tal-popolazzjoni huma ogħla mil-livell limitu ta' materjalità. Nikkonkludu wkoll li aħna 95% żguri li d-dikjarazzjonijiet żbaljata tal-popolazzjoni qegħdin l-aktar EUR 13,750.*
- *Meta tapplika metodu statistiku, l-awtorità tal-awditjar tagħmel stima tal-aktar dikjarazzjoni skorretta probabbli fil-popolazzjoni, u tqabbilha mal-materjalità sabiex tevalwa r-riżultati. »*

---

<sup>14</sup> Ara paġna 32 tan-nota ta' Gwida dwar metodi tat-teħid ta' kampjuni għall-Awtoritajiet tal-Awditjar għall-ewwel tliet punti; paġna 40 għall-aħħar punt.

Meta l-MUS jintuża sabiex jintagħżel il-kampjun tal-operazzjonijiet li jridu jiġu awditjati, l-Iżball l-Aktar Probabbli (MLE) huwa kkonsidrat li jkun ir-rata tal-iżbalji każwali previsti. Din ir-rata tal-iżbalji tiffirma parti mit-total tar-rata tal-iżbalji prevista li għandha tiġi mqabbla mal-livell ta' materjalità ta' 2%. Meta l-iżbalji kollha misjuba fil-kampjun huma kkonsidrati bħala każwali, ir-rata totali tal-iżbalji previsti hija r-rata tal-iżbalji każwali previsti.

Fi kwalunkwe każ, l-analiżi tal-Ogħla Limitu ta' Żball (UEL) xorta trid issir, sabiex ikunu rrispettati r-rekwiżiti tal-MUS.

Il-linji gwida<sup>15</sup> tal-INTOSAI « jirrappreżentaw bażi komuni li jista' jkun hemm riferiment għalihom (...) fi kwalunkwe awditjar tal-attivitajiet tal-UE (...)»<sup>16</sup>. Il-linja gwida nru 23<sup>17</sup> tgħid li meta « l-ogħla limitu ta' żball jaqbeż l-iżball tollerabbli iżda l-iżball l-aktar probabbli huwa aktar baxx mill-iżball tollerabbli » l-awditur għandu jikkonsidra li:

- *“jitlob lill-entità awditjata biex tinvestiga l-iżbalji/l-eċċezzjonijiet misjuba u l-żbalji/l-eċċezzjonijiet oħra potenzjali. Dan jista' jwassal għal aġġustamenti miftiehma fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji;*
- *jwettaq aktar testijiet bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju fit-teħid tal-kampjuni u anki l-konċessjoni li trid tinbena fil-valutazzjoni tar-riżultati;*
- *juża proċeduri tal-awditjar alternattivi sabiex jikseb assigurazzjoni addizzjonali.”*

L-AA għandha tuża l-ġudizzju professjonali tagħha biex tagħżel waħda mill-opzjonijiet indikati hawn fuq u tirrapporta kif xieraq fl-ACR.

## 8. KAŻIJET PARTIKULARI

### 8.1. Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkonsidrata ukoll bħala irregolari mill-Awtorità Amministrattiva, mill-Korp Intermedju jew mill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni

*8.1.1. Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA*

Kif stipulat hawn fuq, b'mod ġenerali l-irregolaritajiet kollha misjuba għandhom jiġu kkonsidrati għall-kalkolu tar-rata prevista tal-iżbalji, u rappurtati fl-ACR.

Dan jinkludi l-irregolaritajiet misjuba mill-AA (matul l-awditjar tagħha fuq l-operazzjonijiet) li diġà kienu nstabu minn korp nazzjonali ieħor (jiġifieri l-Awtorità Amministrattiva (MA), il-Korp Intermedju (IB) jew mill-Awtorità taċ-

---

<sup>15</sup> Ara <http://eca.europa.eu/portal/pls/portal/docs/1/133817.PDF>

<sup>16</sup> Ara l-punt 6 tal-Introduzzjoni Teknika tal-linji gwida tal-INTOSAI.

<sup>17</sup> Applikabbli għat-“teħid ta' kampjuni għall-awditjar finanzjarju (inklużi l-kontrolli tal-legalità u r-regolarità)”, skont il-punt 6.1 tal-linja gwida nru 23 tal-INTOSAI.

Ċertifikazzjoni (CA)), qabel mal-kampjun kien magħżul mill-AA, iżda ma kienx ikkoreġut mill-Istat Membru qabel ma ġie sottomess l-ACR<sup>18</sup>.

Madankollu, jekk ikun hemm evidenza dokumentata li l-awtoritajiet nazzjonali relevanti (MA, IB jew CA) **sabu l-irregolarità u kienu diġà qed jieħdu l-miżuri meħtieġa** qabel mal-kampjun kien magħżul mill-AA u li l-ammont irregolari ġie ikkoreġut qabel is-sottomissjoni tal-ACR, tali irregolarità tista' tiġi eskluża meta pproġettat għar-rata tal-iżbalji għal-popolazzjoni.

Fi kwalunkwe każ, it-trattament tal-irregolarità kkonċernata għandu jiġi rrapportat u spjegat fl-ACR fit-taqsima dwar l-awditjar fuq l-operazzjonijiet.

Bħala prinċipju ġenerali, l-MA għandha tiżgura li l-verifiki tal-ġestjoni tagħha (verifiki tal-ġestjoni jew verifiki fuq il-post) jitwettqu b'mod li jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet qabel man-nefqa tkun iddikjarata lill-Kummissjoni.

*8.1.2. Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB/MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel mal-kampjun kien magħżul mill-AA*

Jekk waqt awditjar l-AA tidentifika irregolarità li kienet misjuba qabel minn korp ieħor matul kontroll, iżda li r-rata ta' korrezzjoni applikata kienet aktar baxxa mir-rata ta' korrezzjoni li l-AA tqis li l-IB/MA kellhom japplikaw, f'dan il-każ id-differenza fl-ammont li tirriżulta mill-korrezzjoni bir-rata stipulata mill-AA u l-ammont fattwalment ikkoreġut (fil-livell ta' dikjarazzjoni lill-Kummissjoni qabel mal-kampjun kien magħżul mill-AA) għandha tittieħed inkonsiderazzjoni għall-kalkolu tar-rata totali tal-iżbalji previsti/tal-previżjoni tal-iżbalji.

*8.1.3. Irregolaritajiet relatati man-nefqa mneħħija miċ-ċertifikazzjoni wara li l-kampjun kien magħżul mill-AA*

Wara li tagħżel il-kampjun tal-operazzjonijiet, l-AA tista' tidentifika nfiq irregolari fl-operazzjonijiet li għandhom jiġu awditjati li ġiet mneħħija miċ-ċertifikazzjoni mill-SM. F'termini ta' arranġamenti prattiċi li għandhom jiġu adottati mill-AA għall-awditjar fuq il-post, żewġ opzjonijiet huma previsti:

- (1) Fil-każ li n-nefqa irregolari mneħħija miċ-ċertifikazzjoni tikkonċerna n-nefqa kollha ta' operazzjoni speċifika inkluża fil-kampjun magħżul mill-AA, dan il-korp mhuwiex obligat jawditja fuq il-post tali operazzjoni. Il-kampjun m'għandux ikun modifikat, jiġifieri l-operazzjoni inkwistjoni m'għandhiex tinbidel minn operazzjoni oħra.
- (2) Fil-każ li n-nefqa irregolari "mingħajr ċertifikazzjoni" tikkonċerna biss parti min-nefqa ta' operazzjoni speċifika inkluża fil-kampjun magħżul minn AA, dan il-korp għandu jawditja l-operazzjoni fuq il-post sabiex jsib jekk il-parti mingħajr ċertifikazzjoni m'għandiex ħielsa mill-iżbalji.

Fiż-żewġ każijiet in-nefqa rregolari għandha titqies fir-rata tal-iżbalji.


---

<sup>18</sup> Kif stipulat hawn fuq, din il-korrezzjoni tista' ssir billi titnaqqas l-ispiża irregolari (permezz tal-irtirar jew tal-irkupru) minn dikjarazzjoni ta' nfiq mibgħuta lill-Kummissjoni jew billi l-infiq fir-riskju jiġi rreġistrat bħala rkupru pendenti fis-sistema tal-kontijiet tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni.

## **8.2. Aġġustament bejn id-dikjarazzjoni għolja tal-iżbalji u d-dikjarazzjoni baxxa tal-iżbalji sabiex jinstab l-iżball l-aktar probabbli**

Id-dikjarazzjoni baxxa tal-iżbalji ma għandhiex tiġi kkonsiderata fil-kalkolu tal-kampjun tal-rata tal-iżbalji (u, konsegwentement, fil-kalkolu tar-rata prevista tal-iżbalji) għall-għanijiet tal-ACR.

**ANNEX 1 – RATA TOTALI TAL-IŻBALJI PREVISTA**



**ANNEX 2 - TABELLA GĦAN-NEFQA DDIKJARATA U GĦALL-AWDITJAR TAL-KAMPJUN**

Fond	Riferenza (CCI nru)	Programm	Nefqa ddikjarata fis-sena ta' riferenza	Nefqa fis-sena ta' riferenza awditjata għall-kampjun każwali		Ammont u perċentwali (rata ta' żball) ta' nefqa irregolari fil-kampjun każwali <sup>19</sup>		It-total previst tar-rata tal-iżbalji <sup>20</sup>	Nefqa oħra awditjata <sup>21</sup>	Ammont ta' nefqa irregolari f'kampjun ieħor ta' nefqa	Nefqa totali ddikjarata b'mod kumulattiv	Nefqa totali awditjata b'mod kumulattiv <sup>22</sup> bħala perċentwali tan-nefqa totali ddikjarata b'mod kumulattiv
				Ammont <sup>23</sup>	% <sup>24</sup>	Ammont	%					

<sup>19</sup> Meta l-kampjun każwali jkopri aktar minn Fond jew programm wieħed, l-informazzjoni dwar l-ammont u l-perċentwali (rata ta' żball) ta' nefqa irregolari hija pprovduta għall-kampjun sħiħ u ma tistax tkun ipprovduta fuq livell ta' programm/fond.

<sup>20</sup> F'każ ta' teħid ta' kampjuni mhux statistiku għal popolazzjonijiet żgħar, ir-rata ta' żball tal-kampjun. Il-kunċett tar-rata totali tal-iżbalji previsti huwa spjegat fit-taqsima 2.6 ta' din il-gwida.

<sup>21</sup> Nefqa minn kampjun komplimentari u nefqa għal kampjun każwali mhux fis-sena ta' riferenza (ammont)

<sup>22</sup> Tinkludi kemm in-nefqa awditjata għall-kampjun każwali kif ukoll in-nefqa awditjata l-oħra.

<sup>23</sup> Ammont ta' nefqa awditjata.

<sup>24</sup> Perċentwali ta' nefqa awditjata fir-rigward ta' nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni fis-sena ta' referenza.